MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 2352/1999/1

**Koufra Holdings Limited**

**v.**

**Eridan Shipping Limited, Kamma II Shipping Company Limited, Antarus Shipping Company Limited u Ferrum Shipping Company Limited**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:

"Illi b'kuntratt datat 21 ta' Settembru 1998, fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace, is-socjeta` attrici xtrat minghand certi Stanislaw Filatov u martu Irina Filatova, l-fond konsistenti f'semi deteched villa, bla numru, maghruf bhala "Echuca", precedentement maghruf bhala "The Valley Ville" li jinstab fi Triq tal-Franciz, Ta' L-Ibragg, St Andrews limiti ta' San Giljan/Birkirkara, konfinanti minn nofs in-nhar bl-istess triq, mit-tramuntana w mill-lvant bi proprjeta` tal-werrieta ta' Dr Patrick Holland jew successuri tieghu fit-titolu w mill-punent minn proprjeta` ta' Victor Portainier jew successuri tieghu, w dan versu l-prezz ta' ghaxart elef lira maltin (Lm100,000) (sic!) liema somma thallset;

"Illi s-socjeta` attrici sussegwentement saret taf illi fit-18 ta' Settembru 1998, is-socjetajiet Kama II Shipping Company Limited u Antarus Shipping Company Limited u Ferrum Shipping Company Limited u Eridan Shipping Limited, ipprezentaw rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw "l-assenti" Stanislaw Filatov u martu Irina Filatova, fejn talbu illi jinhargu mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess konjugi Filatov sabiex jinzammu milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwit xi proprjeta`, u b'mod partikolari l-fond "Echuca" in kwistjoni, u dan fuq allegat kreditu ta' sittin elf lira maltin (LM600,000) (sic!) li gew likwidati ghall-finijiet tal-mandat bhala komplessivament dovuti lis-socjetajiet rikorrenti mill-intimati;

"Illi b'digriet tat-18 ta' Settembru 1998 numru 3299/98, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba provizorjament u rriservat li tipprovedi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

"Illi kopja tal-mandat u digriet jidher li gie notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-18 ta' Settembru 1998, fis-siegha w nofs ta' wara nofs in-nhar, u cioe` wara li jinghalaq ir-Registru ghall-pubbliku, u fil-hin li l-gurnata tax-xoghol tal-impjegati tar-Registru tispicca in kwantu dak iz-zmien kienu ghadhom jahdmu nofs ta' nhar;

"Illi l-gurnata w il-hin meta l-mandat ta’ inibizzjoni tnizzel fil-kotba tal-insinwa pero` m’huwiex registrat, u f’dan il-kuntest is-socjeta` attrici tirrileva illi t-18 ta’ Settembru kien il-Gimgha, illi t-19 u l-20 ta’ Settembru kienu l-“weekend”, u l-21 ta’ Settembru, meta sar il-kuntratt kienet festa pubblika;

"Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-mandat ta’ inibizzjoni numru 3299/98 ma tnizzilx fil-kotba tal-insinwa qabel it-22 ta’ Settembru 1998, u cioe` wara li sar il-kuntratt ta’ trasferiment tal-fond de quo lis-socjeta` attrici;

"Illi f’kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk il-mandat ta’ inibizzjoni gie registrat fil-kotba ta’ l-insinwa fit-18 ta’ Settembru 1998, dan sar biss wara li r-Registru Pubbliku kien diga` maghluq ghall-pubbliku w ghalhekk m’ghandux jaffettwa l-validita` tal-kuntratt ta’ akkwist tas-socjeta` attrici, in kwantu kien impossibli ghas-socjeta` xerrejja li taf bl-ezistenza tal-mandat;

"Illi fil-fatt ir-ricerki li kienu saru min-Nutar tas-socjeta` attrici w li kienu gew aggornati sa’ l-ahhar gurnata tax-xoghol qabel gie ffirmat il-kuntratt, u cioe` sat-18 ta’ Settembru 1998, ikkonfermaw li ma kien hemm l-ebda impediment li seta’ jwaqqaf il-pubblikazzjoni tal-kuntratt;

"Illi inoltre, jigi rilevat illi l-mandat inhareg meta kuraturi sabiex jirraprezentaw “l-assenti” Stanislaw Filatov, meta dan kien prezenti hawn Malta;

"Illi dan l-istat ta’ incertezza dwar meta gie registrat l-mandat ta’ inibizzjoni de quo w dwar il-validita` o meno tal-kuntratt ta’ akkwist da parti tas-socjeta` attrici qed jikkreja pregudizzju lis-socjeta` attrici;

"Jghidu ghalhekk l-istess socjetajiet konvenuti, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara illi l-mandat ta’ inibizzjoni numru 3299/98 mahrug mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet “is-socjetajiet Kama II Shipping Company Limited u Antarus Shipping Company Limited, u Ferrum Shipping Company

Limited u Eridan Shipping Limited kontra Dr Joe Azzopardi w P.L. Joanna Dingli kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-assenti Stanislaw Filatov u martu Irina Filatova”, m’ghandux effett fir-rigward tal-kuntratt datat 21 ta’ Settembru 1998, fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace permess ta’ liema il-fond maghruf bhala “Echuca, precedentement maghruf bhala “The Valley Ville” li jinstab fi Triq tal-Franciz, Ta’ L-Ibragg, St Andrews limiti ta’ San Giljan, inbiegh lis-socjeta` attrici;

"2. Tiddikjara illi l-kuntratt tal-21 ta’ Settembru 1998 fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace, fuq indikat huwa validu, in kwantu m’hux effettwat mill-mandat ta’ inibizzjoni numru 3299/98 fuq citat;

"Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u din il-Qorti ghandha tichadhom bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici billi l-kuntratt datat 21 ta’ Settembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace (imsemmi fl-ewwel talba attrici) huwa null u bla ebda effett *ai termini* ta’ l-artiklu 873(10) tal-Kapitolu 12, stante li l-istess kuntratt huwa sussegwenti ghall-mandat ta’ inibizzjoni numru 3299/98 mahrug fuq talba tas-socjetajiet konvenuti."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-mandat ta’ inibizzjoni numru 3299/98 in kwestjoni m’ghandux effett fir-rigward tal-kuntratt datat 21 ta’ Settembru 1998, fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace permezz ta’ liema il-fond maghruf bhala “Echuca", precedentement maghruf bhala “The Valley Ville” li jinstab fi Triq tal-Franciz, Ta’ L-Ibragg, St Andrews limiti ta’ San Giljan, inbiegh lis-socjeta` attrici

u tiddikjara illi l-istess kuntratt huwa validu in kwantu mhux effettwat mill-mandat ta' inibizzjoni gia citat;

"In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz u in vista tan-natura tal-kwestjoni meritu tal-presenti l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fic-citazzjoni s-socjeta` attrici tghamel referenza ghall kuntratt tal-21 ta' Settembru 1998, fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace, li bih l-stess socjeta` attrici akkwistat minghand terzi, cioe` Stanislaw Filatov u martu Irina Filatova, l-fond "Echuca" gia "The Valley Ville" fi Triq tal-Franciz, Ta' L-Ibragg, St Andrews u dana bil-prezz ta' mitt elf liri maltin (Lm100,000);

"Illi s-socjeta` attrici tippremetti li, wara li gie pubblikat l-imsemmi kuntratt, saret taf li fit-18 ta' Settembru 1998, is-socjetajiet konvenuti ottjenew il-hrug provizorju ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmija terzi konjugi Filatov, sabiex dawn tal-ahhar jigu mizmuma milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwit l-imsemmi fond go St. Andrews. L-istess socjeta attrici tallega li n-notifika relattiva lid-Direttur tar-Registru Pubbliku saret fl-istess gurnata tat-18 ta' Settembru 1998, pero` wara li r-Registru kien ghalaq ghall-pubbliku. Tallega ukoll li m'hemmx indikat fil-kotba tar-Registru meta l-istess mandat gie registrat. Inoltre t-18 ta' Settembru kien il-Gimgha, ovvjament it-19 u l-20 ta' Settembru kienu s-Sibt u l-Hadd, filwaqt li l-21 ta' Settembru, il-gurnata li sar l-imsemmi kuntratt, kienet festa pubblika. Ghalhekk il-mandat gie registrat mhux qabel it-22 ta' Settembru 1998, u cioe` wara li sar il-kuntratt. Anke jekk il-mandat gie registrat fit-18 ta' Settembru 1998 dan sar meta l-pubbliku ma kellux access ghar-Registru Pubbliku. In vista ta' dan kollu s-socjeta attrici tippretendi li l-imsemmi mandat ma jaffettwax l-validita` tal-kuntratt ta' akkwist tas-socjeta` attrici u dan peress li kien impossibli ghas-socjeta` attrici li tkun taf bl-ezistenza tal-mandat;

"Barra minn hekk is-socjeta` attrici tippretendi ukoll li l-imsemmi mandat inhareg kontra kuraturi sabiex jirraprezentaw “l-assenti” Stanislaw Filatov, meta dan kien prezenti hawn Malta. F'dan ir-rigward is-socjeta attrici naqset li tipproduci provi. Ghalhekk it-talbiet attrici zgur li ma jistghux jigu akkolti a bazi ta' din il-premessa. Dana qed jinghad apparti konsiderazzjonijiet ohra li jistghu jsiru ukoll ta' indole legali;

"Da parti taghhom il-konvenuti jeccepixxu li l-imsemmi kuntratt tal-21 ta’ Settembru 1998 huwa null u bla ebda effett u dana skond il-provedimenti ta’ l-Artiklu 873(10) tal-Kapitolu 12, stante li l-istess kuntratt huwa sussegwenti ghall-mandat ta’ inibizzjoni in kwestjoni;

"Hawnhekk li ghandu jigi deciz hu jekk l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni jeffettwax il-kuntratt ta' akkwist tas-socjeta attrici;

"Il-konvenuti jiccitaw il-provedimenti tal-artikolu 873(10) tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jipprovdi li malli d-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra mandat, bhala dak in kwestjoni, kull bejgh u trasferiment ta' immobli, li ghalihom jirreferi l-istess mandat, u li jkun sussegwenti ghall-imsemmija registrazzjoni, ikun null u bla ebda effett. Hawnhekk trid issir referenza ghall-artikolu 873(9) tal-istess Kapitolu. Dan l-artikolu jipprovdi, fost affarjiet ohra, li minn jitlob il-hrug tal-mandat ghandu jiehu hsieb li l-istess mandat jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li minnfih ghandu jikteb il-mandat fir-registri appositi. Dawn l-istess provedimenti pero` jghamlu enfazi li dawn ir-registri jkun jista jarahom kullhadd. Ghalhekk il-kwestjoni tal-pubblicita` hi ta' certa importanza. Mhux bizzejjed li l-mandat jigi notifikat izda hemm bzonn u hu essenzjali li l-mandat jigi registrat fil-kotba appositi, liema kotba jkun jista jarahom kullhadd;

"Mill-provi jirrizulta illi fiz-zmien in kwestjoni, peress li kien is-Sajf, ir-Registru Pubbliku kien jiftah ghall-pubbliku sal-11.00 ta' filghodu. Il-hin tax-xoghol ghall-impjegati tal-istess Registru kien sas-1.30 ta' wara nofs in-nhar. Gieli xi impjegati kienu jibqghu jghamlu xoghol privat, cioe`

xoghol ta' ricerki, wara l-hin tax-xoghol. Gieli ukoll li xi nutara jithallew jidhlu fir-Registru wara l-11.00 ta' filghodu appuntu biex jaggornaw xi ricerki;

"Ghar-rigward tal-kaz specifiku jirrizulta li l-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni gie notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-18 ta' Settembru 1998 fis-1.30pm u cioe propju fil-hin li l-impjegati jkunu spiccaw il-gurnata tax-xoghol taghhom. Generalment meta id-Direttur jircievi mandat bhal dak in kwestjoni huwa jkollu f'idejh zewg kopji. Fuq l-ewwel kopja tigi nnutata d-data u l-hin tan-notifika u l-istess kopja titpogga go box-file li jinzamm imsakkar ghand id-Direttur. It-tieni kopja tghaddi ghand skrivan sabiex il-mandat jigi indicjat u registrat fi ktieb li jinzamm appositament. Hu dan il-ktieb li jkun accessibbli ghall-pubbliku;

"Dak li qalu uhud mill-ufficjali tar-Registru Pubbliku (Dr. Sapiano u Carmel Mifsud), li ghalihom il-mandat in kwestjoni gie registrat dak il-hin li saret in-notifika lid-Direttur u li mill-imsemmija notifika l-mandat kien accessibbli ghall-pubbliku, ma jirrispekkjax dak li trid il-ligi u cioe` li hi essenzjali u vitali l-pubblicita` u lanqas ma jirrispekkja dak li hu ragjonevoli. L-imsemmija xhieda qed jibbazaw wisq fuq il-formalita` u qed jinsew il-ligi u qed jinsew ir-realta`.  Hu minnu li l-ex Direttur qal li kull minn ried seta ukoll jesamina l-box-file fejn tinzamm l-ewwel kopja. Dan il-box-file, pero`, jirrizulta li jizamm imsakkar u c-cavetta relattiva tkun ghand id-Direttur, li seta kien hemm hinijiet fejn huwa  kien ikun impenjat barra mill-ufficcju;

"Il-Qorti hi tal-opinjoni li, a bazi tal-imsemmija provedimenti tal-ligi, r-registrazzjoni ghandha tittiehed li issehh malli l-mandat jigi indicjat u registrat fl-imsemmi ktieb appositu li hu accessibbli ghall-pubbliku;

"Hu aktar verosimili li minhabba li notifika saret propju fil-hin li r-Registru kien qed jghalaq, il-mandat in kwestjoni ma giex registrat minnufih u gie registrat biss wara li sar il-kuntratt in kwestjoni tal-21 ta' Settembru 1998. In effett impjegat tar-Registru Pubbliku kkonferma li huwa sskriva

l-mandat in kwestjoni fl-indici appositu biss nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru 1998;

"Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta ampjament li l-mandat ta' inibizzjoni m'ghandux jeffettwa l-imsemmi kuntratt u dana peress li l-istess mandat gie registrat wara li sar il-kuntratt. B'hekk ukoll it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. D'altronde n-nutar li ppubblika l-kuntratt ikkonferma li r-ricerki, sabiex sar il-kuntratt, gew aggornati sal-ahhar gurnata possibli u cioe` sa nhar il-Gimgha 18 ta' Settembru 1998 u ma kien irrizulta ebda impediment sabiex seta jsir il-kuntratt. Inoltre ma jirrizultax li qabel ma gie pubblikat il-kuntratt, il-mandat in kwestjoni gie notifikat lis-socjeta attrici, jew lin-nutar li ppubblika l-kuntratt jew lit-terzi li kienu l-vendituri jew minn deher ghalihom fuq il-kuntrat."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetajiet konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu r-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti u l-konsegwenzjali cahda tat-talbiet attrici;

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-socjeta` attrici fejn, ghar-ragunijiet hemm premessi talbet il-konferma tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma ben cari.  B'digriet tat-18 ta' Settembru 1998, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet provizorjament talba tas-socjetajiet appellanti biex Stanislaw Filatov u martu Irina Filatova jigu inibiti milli jbieghu l-villa maghrufa bl-isem "Echuca", fi Triq tal-Franciz, Ta' l-Ibragg.  Dan il-mandat ta' inbizzjoni hekk milqugh provizorjament gie notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku dakinhar stess fis-1.30pm.  Dan il-mandat inghata f'idejn l-Assistent Direttur, Dr. Adrian Dingli, li ccekkjah, tah in-numru progessiv 254, indika fuqu

d-data u l-hin ta' meta rcevieh, u ffirmah. Dahhal kopja fil-*box file* li jinzamm fir-Registru Pubbliku, u ghadda kopja f'sezzjoni tad-Dipartiment fejn l-istess mandati jigu *indexed*. Gara li l-ufficjal li jzomm dan l-indici ma kienx hemm, u peress li l-gurnata tat-18 ta' Settembru 1998, kienet il-gimgha, u t-tnejn 21 ta' Settembru 1998 kienet btala pubblika, dan il-mandat gie *indexed* it-Tlieta, 22 ta' Settembru 1998 filghodu.

Fil-frattemp, u precizament, fil-21 ta' Settembru 1998, il-konjugi Filatov, bieghu din il-villa lis-socejta` attrici. Peress li dan l-att ta' trasferiment sehh wara l-hrug tal-mandat, u wara li l-istess mandat gie notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, is-socjetajiet konvenuti qed jinvokaw l-Artikolu 873(10)[1] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jghidu li l-kuntratt hu null.

Is-socjeta` attrici ma taqbilx, u tghid li ladarba l-kuntratt sar qabel ma l-mandat gie indicjat, kif jitlob l-Artikolu 873(9), in-nullita` komminata mil-ligi ma tapplikax.

Ezaminat l-Artikolu 873 ta' l-imsemmi Kap. 12, il-Qorti tinnota li s-subartikolu (8) jipprovdi li meta jinhareg mandat li jipprojbixxi l-bejgh ta' proprjeta` mmobbli, ir-rikors
"ghandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinhareg kontriha u li huma mehtiega mil-ligi dwar ir-registrazzjoni ta' trasferiment ta' haga immobbli minn dik il-persuna fir-Registru Pubbliku."

Is-subartikolu (9), imbaghad, jipprovdi illi:
"Il-mandat imsemmi fis-subartikolu (8) ghandu, meta jinhareg u bi spejjez tar-rikorrent, jigi notifikat mir-Registratur fi zmien erbgha u ghoxrin siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f'registru li jzommu ghaldaqshekk. Dawn ir-registri ghandu jkollhom indici u jista' jarahom kulhadd. Dan il-mandat ghandu jigi notifikat ukoll lil kull min hekk jitnizzel mir-rikorrent."

[1] Il-hrug ta' dan il-mandat hu llum regolat fl-Artikolu 874 ta' l-istess ligi, pero`, il-procedura ghar-registrazzjoni tal-mandat baqghet l-istess

Is-sanzjoni ta' nullita` hija provduta fis-subartikolu (10), li jiddisponi illi
"Malli ssir ir-registrazzjoni tal-mandat kif imsemmi fis-subartikolu (8) mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, kull bejgh, trasferiment jew tnehhija sussegwenti ta' hwejjeg immobbli li ghalihom jirreferi l-mandat ikun null u bla ebda effett."

Id-divergenza bejn il-partijiet ticcentra fuq it-tifsira tal-kliem "registrazzjoni tal-mandat" imsemmija fis-subartikolu (10), ghax filwaqt li l-appellanti jsostni li din il-frazi ghandha tifsira teknika, u jrid jinghata lilha t-tifsira moghti bl-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56), is-socjeta` appellata targumenta li r-referenza tal-ligi ghandha tkun ghar-registrazjoni u l-indicjar tal-mandat kif mitlub fis-subartikolu (9).

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat l-argumenti taz-zewg partijiet, thoss li ghandha taqbel ma' dak sottomess mis-socjeta` appellata u abbraccjata mill-ewwel Qorti. Hu veru li l-Artikolu 15 ta' l-imsemmi Kap. 56 jipprovdi li kull nota ta' insinwa titqies li giet "registrata", dakinhar stess li giet ircevuta fir-Registru Pubbliku, minghajr ebda formalita` ohra, pero, dak l-Artikolu, u izjed in generali, l-att innifsu, jirreferi ghan-noti ta' l-insinwa tat-trasferimenti u tal-holqien ta' kawzi ta' preferenza, u mhux ukoll ghar-registrazzjoni tal-mandati ta' inibizzjoni. L-Att dwar ir-Registru Pubbliku jitratta r-registrazzjoni ta' <u>noti ta' insinwa</u>, u mkien ma jirregola r-registrazzjoni ta' mandati. Fil-fatt, f'kaz ta' trasferiment ta' proprjeta` mmobbli jew holqien ta' kawzi ta' preferenza ma jigux registrati kopji tal-kuntratti pubblici li taw lok ghal tali trasferiment jew kawzi ta' preferenza, izda jigu registrati biss <u>noti</u> bid-dettalji li trid il-ligi, u dan il-Kap. 56 inholoq, appuntu, biex jirregola l-kontenut u l-prezentata ta' dawn in-noti. F'kaz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 873(5) et seq, ma tigix registrata nota, izda kopja tal-mandat innifsu. Hu, ghalhekk, li l-ligi trid li dawn il-mandati ghandhom jigu registrati/miktuba f'registru mizmum ghal ta' l-apposta ghal dan l-iskop, u trid ukoll li dawn ir-registri jkollhom indici accessibbli ghal kulhadd. Hu, ghalhekk, ovvju ghal din il-

Qorti li t-tifsira tal-kelma "registrazzjoni" uzata fl-Artikolu 873(10) m'ghandhiex tinghata tifsira moghtija lill-istess kelma wzata f'kuntest differenti, izda lilha trid tinghata tifsira wzata fil-kuntest ta' l-iskop tal-ligi in kwistjoni.

Ladarba, f'dan il-kaz, il-ligi trid il-mandati jigu registrati u indicjati b'mod li "jista' jarahom kulhadd", hu car li l-penali ta' nullita` tista' tigi invokata biss wara li jkun sar dan l-ezercizzju, ghax hu biss wara li r-registrazzjoni u l-indici jkunu a disposizzjoni ta' "kulhadd", li jkun logiku u gust li att maghmul bi ksur tal-mandat jigi dikjarat null u invalidu.

Mhux kwistjoni li dak li jkun, seta', kieku ried, minn hawn jew minn hemm, isir jaf bil-mandat, anke billi jitlob access ghal *box file* mizmum mir-Registru Pubbliku (fejn tqieghed il-mandat), izda li l-ligi tqis null att maghmul bi ksur ta' mandat ta' inibizzjoni jekk tali tali att isir wara li tigi segwita l-procedura partikolari komminata mil-ligi.

In-nullitajiet ta' kuntratti pubblici m'ghandhomx jigu facilment akkolti, u kull sanzjoni li tista' twassal ghat-thassir taghhom m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesa'. Il-legislatur kellu skop wara l-procedura li holoq fl-Artikolu 873(9) ghar-registrazzjoni tal-mandati ta' inibizzjoni, u l-iskop kien biex dawn ikunu available "minnufih" u indicjati halli l-pubbliku jkun jista' jsir jaf bil-mandat bl-aktar mod spedjenti u facli. Hu wara din il-"pubblicita`" li l-ligi timponi nullita`. Dan l-iskop ikun stultifikat jekk att jitqies null semplicement ghax ikun sar wara li l-mandat ikun wasal fl-ufficju tar-Registru Pubbliku, izda qabel ma gew kompletati l-proceduri ta' "pubblicita`" li trid il-ligi.

Huwa wkoll immaterjali kif "jahsbuha" ufficjali tar-Registru Pubbliku maghgunin kif inhuma bil-prattika tar-registrazzjoni ta' noti ta' insinwa. Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 873(9) hi wahda partikolari u differenti, u dak li jorbot jew hi l-uzanza ghall-fini tan-noti ta' l-insinwa, mhux necessarjament hu applikabbli ghal kazijiet ohra. Anzi, kif intwera, f'dan il-kaz, il-procedura ta' registrazzjoni hi kontemplata fil-ligi b'mod differenti, u hi

din il-procedura partikolari u singolari li ghandha tigi segwita.

Kwindi, l-aggravju tas-socjetajiet appellanti ma jisthoqx li jigi milqugh.

Din il-Qorti thoss li, f'dan il-kaz, m'ghandhiex toqghod lura milli ccanfar u ticcensura bl-aktar mod qawwi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' dak iz-zmien talli ppermetta li sitwazzjoni bhal din issehh. Jirrizulta, mhux biss li ufficjali thalla jitlaq minn fuq ix-xoghol qabel il-hin, izda d-Direttur jew l-Assistent tieghu ma pprovdiex ghal tali nuqqas billi jara li dak li trid il-ligi jsir minn xi ufficjal iehor jew minnu stess, bhala l-persuna responsabbli ghat-twettiq tal-ligi. Fil-fatt, l-ufficjal inkarigat bl-indici jammetti li l-mandat wasal fir-Registru Pubbliku fis-1.30pm, meta hu kien diga` telaq. L-Assistent Direttur xehed ukoll li meta ha l-mandat in kwistjoni biex jigi indicjat, "ma kien hemm hadd dakinhar fl-*indexing department*". L-Assistent Direttur, flok ha hsieb jirregistra l-mandat hu, skond il-funzjoni tieghu, qabad u telqu hemm sakemm gie registrat erbat ijiem wara mill-ufficjal inkarigat! Il-ligi trid li l-procedura ta' registrazzjoni ssir "minnufih", jigifieri dak il-hin stess, u d-Direttur jew l-Assistent tieghu kellu jara li d-disposizzjonijiet tal-ligi jigu segwiti *ad literam*, u mhux ghax fis-sezzjoni ta' l-*indexing* "inserta" (!) ma kien hemm hadd, jitlaq l-att fuq il-mejda. Din il-Qorti, ghalhekk, thoss li ghandha tirriserva favur l-appellanti kwalunkwe azzjoni ghad-danni kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku u/jew ufficjali fl-istess dipartiment *si et quatenus*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetajiet konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk tat-tieni istanzi jithallsu mis-socjetajiet konvenuti appellanti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------